

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Sheepworld AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 364, 3.10.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Settembru 2017 – Bodson et vs BEI

(Kawżi magħquda T-504/16 u T-505/16) ⁽¹⁾

(“*Servizz pubbliku — Persunal tal-BEI — Remunerazzjoni — Adattament annwali tal-livelli tas-salarji bażiċi — Metodu ta' kalkolu — Kriżi ekonomika u finanzjarja*”)

(2017/C 369/25)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Jean-Pierre Bodson (Il-Lussemburgu, il-Lussemburgu) u l-485 rikorrent ieħor li l-ismijiet tagħhom jinsabu fl-anness tas-sentenza (Kawża T-504/16); u Esther Badiola (Il-Lussemburgu) u l-15-il rikorrent ieħor li l-ismijiet tagħhom jinsabu fl-anness tas-sentenza (Kawża T-505/16) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) (rappreżentanti: inizjalment T. Gilliams u G. Nuvoli, sussegwentement G. Faedo u T. Gilliams, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjonijiet, li jinsabu fir-rendikonti tas-salarju ta' Frar 2013 u tax-xhur sussegwenti, li japplikaw għar-rikorrenti d-deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-BEI tat-18 ta' Diċembru 2012 u d-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI tad-29 ta' Jannar 2013 kif ukoll tal-artikolu ppubblikat fuq l-internet fil-5 ta' Frar 2013 u tan-nota ta' informazzjoni tal-15 ta' Frar 2013 li tinforma lill-persunal bl-adozzjoni ta' dawn iż-żewġ deċiżjonijiet u, min-naħa l-oħra, sabiex il-BEI jiġi kkundannat iħallas lir-rikorrenti somma li tikkorrispondi għad-differenza bejn l-ammont tar-remunerazzjonijiet imħallsa skont id-deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq u l-ammont tar-remunerazzjonijiet dovuti skont is-sistema li tirriżulta mid-deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-BEI tat-22 ta' Settembru 2009 kif ukoll kumpens għad-danni li r-rikorrenti allegatament ġarrbu minħabba t-telf tagħhom tal-kapaċità ta' akkwist u minħabba l-inċertezza marbuta mat-tibdil fir-remunerazzjonijiet tagħhom.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjonijiet tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), li japplikaw id-deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-BEI tat-18 ta' Diċembru 2012 u d-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI tad-29 ta' Jannar 2013 u li jinsabu fir-rendikonti tas-salarju għax-xahar ta' Frar 2013 u għax-xhur sussegwenti ta' Jean Pierre Bodson u tal-membri l-oħra tal-persunal tal-BEI li isimhom jidher fl-anness fil-Kawża T-504/16, minn naħa, u ta' Esther Badiola u l-membri l-oħra tal-persunal tal-BEI li isimhom jidher fl-anness fil-Kawża T-505/16, min-naħa l-oħra, huma annullati.*
- 2) *Il-kumpliment tar-rikorsi huwa miċħud.*
- 3) *Il-BEI huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 207, 20.7.2013 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru F-41/13 u trasferita quddiem il-Qorti Ġenerali fl-1.9.2016).